# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Settembru,2022**

**Numru**

**Rikors Numru 1121/2019 TA**

**Halima Zbat (KI 0025092A)**

**vs**

**Direttur taċ-Cittadinanza u Expatriate Affairs**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Halima Zbat (l-Attriċi) tal-21 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi l-esponenti ilha tgħix Malta għal dawn l-aħħar tmintax il-sena;

2. Illi hija miżżewġa lil Joseph Cremona detentur tal-karta ta' l-identita numru 0075156M u ilha hekk miżżewġa u tgħix miegħu mill-11 ta' Lulju 2013; Certifikat taż-żwieġ anness u immarkat **Dok A**;

3. Illi qabel iż-żwieġ Civili l-rikorrenti kienet miżżewġa lil Joseph Cremona bir-rit Musulman sa mis-sena 1997; **Certifikat anness u immarkat dok B;**

**4.** Illi mir-relazzjoni ta' bejnithom twieled tifel, Yassin Cremona fl-14 ta' Mejju 2005; **Kopja tal-passaport anness u immarkat dok C;**

**5.** Illi l-fedina penali ta' l-esponenti hija waħda netta; **Dok D**;

**6.** Illi permezz ta' applikazzjoni datata 8 ta' Novembru 2018 ir-rikorrenti applikat sabiex tingħata ċ-ċittadinanza Maltija;

**7.** Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Mejju 2019 l-intimat informa lill-esponenti bis-segwenti: 'the application for registration as a citizen of Malta which you submitted on the 8 November 2018 has been given careful consideration but it is regretted that it has not been found possible to accede to your request'; **Dok E anness**;

**8.** Illi r-rikorrenti kienet ġiet diretta mid-departiment stess sabiex terġa tissottometti applikazzjoni oħra. Dan għamiltu fit-8 ta' Ottubru 2019;

**9.** Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' Novembru 2019 hija reġet irċeviet l-istess risposta; **Dok F anness**;

**10.** Illi fiż-żewġ okkazzjonijiet l-intimat ma ta' l-ebda raġuni dan ir-rifjut;

**11.** Illi nonostante li l-intimat ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jirrikonsidra il-pożizzjoni tiegħu u jekk le, jagħti r-raġunijiet tar-rifjut, l-intimat baqa' inadempjenti; Dok G anness;

**12.** Illi ma hemm l-ebda raġuni valida għalfejn l-intimat kellu jirrifjuta l-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija tar-rikorrenti u għalhekk id-deċisjoni tiegħu kienet ta' bilfors tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita pubblika billi dan issir għal għanijiet mhux xierqa jew msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevati;

**13.** Illi din iċ-ċaħda tikkonstitwixxi ukoll egħmil amministrattiv li immur mod ieħor kontra l-liġi;

**14.** Illi l-awtorita pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta ma tagħti l-ebda raġuni għar-rifjut;

Jgħid għalhekk l-intimat għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja;

**1)** issib li d-deċiżjoni meħuda fis-27 ta' Mejju 2019 u dik tat-8 ta' Novembru 2019 mibgħuta lilha mid-Direttur imħarrek saret bi ksur tal-dispożizjoni tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 għaliex ma kienx imsemmi l-ebda raġuni biex tfisser għaliex ma laqatx it-talba tagħha biex tingħata ċ-ċittadinanza Maltija;

**2)** issib l-istess deċisjoni saret bi ksur tad-dispożizjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv);

**3)** issib li l-imsemmija deċisjoni ma tgħoddx u hija bla siwi;

**4)** fiċ-ċirkostanzi tagħti dawk id-direttivi lid-Direttur li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

Bl-ispejjes inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 4229/2019 kontra l-intimat nġunti għas-subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur taċ-Cittadinanza u Expatriate Affairs (konvenut Direttur) tas-16 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu wieġeb u eċċepixxa s-Segwenti:

Teċċepixxi bir-rispett Dr Jessica Rita Galea (K.I. 283591M) fil-kwalita' tagħha ta' Head of Unit tad-Dipartiment taċ-Cittadinanza bil-ġurament tagħha tikkonferma:

**1.** "Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu fermament illi l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux applikabbli *stante* li l-għoti taċ-ċittadinanza Maltija hija prerogattiva tal-Istat u ma taqax fit-tifsira ta' *"eghmil amministrattiv*" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12;

**2.** Fil-mertu u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma sar xejn mill-eċċepjenti li jista' legalment jattira l-ħtieġa ta' reviżżjoni da parti tal-Qorti;

L-ebda persuna oriġinarja minn pajjiż barrani ma għandha d-dritt li takkwista Cittadinanza Maltija. L-għoti taċ-Cittadinanza jaqa' fl-isfera tal-prerogattiva tal-Istat u d-deċiżjoni hija neċessarjament diskrezzjonali u sigrieta minħabba li tista' timpinġi fuq materja ta' sigurta' nazzjonali u *public policy*. L-Istat mhuwiex legalment marbut jagħti raġunijiet jekk talba għall-għoti ta' Cittadinanza ma tintlaqax u din id-deċiżjoni mhijiex appellabbli jew sindakabbli u dan kif stipulat fl-artikolu 19 tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar iċ-Cittadinanza Maltija);

**3.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jisottomettu illi l-aġir ta' l-esponenti kien dejjem wieħed korrett li jirrispetta dak li tipprovdi l-Liġi. Illi huwa l-Artikolu 6 ta' l-att dwar iċ-Cittadinanza Maltija (Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li sabiex persuna tingħata ċittadinanza Maltija, l-Ministru jrid ikun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza Maltija lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku. Illi għalhekk, id-Dipartiment jagħmel il-verifiki kollha f'dan ir-rigward u huwa l-obbligu ta' l-esponenti li jinvestiga kull allegazzjoni u informazzjoni li jkollu, u kull deċiżjoni tittieħed a bażi tal-informazzjoni uffiċjali li jkollu d-Dipartiment;

**4.** F'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-eċċepjenti jirrespinġu bil-qawwa kull allegazzjoni li kien hemm xi nuqqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilhom senjatament li naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil, huma dejjem aġixxew fil-parametri u b'konformita' sħiħa mal-liġi. Għaldaqstant l-aġir tal-esponenti sar għall-għanijiet xierqa u huwa msejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti u skont il-liġi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż".

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda kollha mressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti:**

L-Attriċi miżżewwġa lil ċittadin Malti Joseph Cremona. L-ewwel iżżewwġu bir-rit musulman fl-197 (ara Dok B) u wara iżżewwġu bir-rit ċivili fil-11 ta' Lulju 2013(ara dok A). Għal din il-Qorti, l-ewwel żwieġ għandu valur daqs it-tieni wieħed għall-effetti kollha tal-liġi.

B'kollox l-Attriċi ilha tgħix Malta għal dawn l-aħħar 18-il sena. Matul iż-żwieġ tagħhom addottaw ukoll lit-tifel tat-tifla tagħhom Yassin Cremona fl-14 ta' Mejju 2005 (Ara dok C). Fit-8 ta' Novembru 2018, l-Attriċi applikat għaċ-ċittadinanza bil-proċess ta' naturalizzazzjoni.

Fis-27 ta' Mejju 2019 it-talba tagħha ġiet rifjutata kif spjegat hawn fuq (Ara Dok E). Fit-8 ta' Ottubru 2019 reġgħet applikat u b'ittra responsiva tat-8 ta' Novembru 2019 ġiet rifjutata għal darba oħra bl-istess raġuni tal-ewwel waħda.

L-attriċi għalhekk istitwiet din il-Kawża għaliex tgħid li kellhom jingħatawlha raġunijiet għar-rifjut fost oħrajn u għaliex tinsisti li għandha kull dritt għaċ-ċittadinanza fid-dawl ta' dak li tipprovdi il-liġi.

**Punti ta' Liġi:**

L-azzjoni proposta mill-Attriċi kontra l-konvenut hija dik abbażi tal-artikolu 469A(1)(b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Din hija azzjoni ta' stħarriġ da parti ta' dawn il-Qrati dwar għemil minn Awtorita' pubbliku li jkun *ultra vires*. F'dan ir-rigward l-insenjament ġurisprudenzjali hu fis-sens li l-jedd ta' l-individwu jipprevali fejn jirriżulta li l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Liġi li bis-saħħa tagħha taġixxi (**Ara Sentenza tal-Prim'Awla Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] tad-19 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Residual Limited -vs- Kummissarju tal-Artijiet**).

Prinċipju applikabbli fir-rigward tal-persuni kollha, huma min huma u ta' liema ċittadinanza huma, peress li din hija kwalita' inerenti u universali tal-liġi fis-sistemi ta' ġustizzja li jirrispettaw is-saltna tal-liġi. L-istess raġunament li jagħmlu l-Awturi dwar l-applikazzjoni tal-universalita' tal-prinċipju fir-rigward ta' Konvenzjoni Ewropeja huma applikabbli anke fil-kamp tal-liġi domestika ta' kull pajjiż. (Ara **P. Van Djik u G.H.D Van Hoof, Theory and Practice of the European Convention of Human Rights; 2$^{nd}$ Ed pag 3**.)

**Konsiderazzjonijiet:**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur hija fis-sens, li dak li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma hux "*ghemil amministrattiv"* fis-sens tad-definizzjoni ta' din il-frażi taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk, l-ewwel ma għandu jkun deċiż huwa dan il-punt legali, għaliex jekk dak li qed jgħid il-konvenut Direttur huwa minnu allura l-kwistjoni tieqaf hawn u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet attriċi kif magħmula.

*L-ghemil Amminstrattiv*

F'dan ir-rigward din il-Qorti tgħaddi mill-ewwel biex tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-Prim'Awla tat-12 ta' Diċembru, 2017 fl-ismijiet L-Avukat Dottor Alexander Schembri -vs -L-Agenzija Identita' Malta** fejn ġie osservat hekk.

*"Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li -talba tal-attur biex tingħata ċittadinanza u l-proċess li wettqet l-Aġenzija mħarrka biex tistħarreġ t-talba tiegħu huwa proċess amministrattiv għaliex jikkostitwixxu talba lill-awtorita' pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni, deċiżjoni li ttieħdet u ġiet mgħarrfa lill-attur. Fil-fatt, ir-rifjut tat-talba taqa' wkoll, skond il-liġi, fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif imfisser fl-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.*

*Fit-tieni lok,…… jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenzja, permess jew warrant*

*ma ssirx bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Iżda mhux kull kitba li toħroġ min ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni". Biex ikollha il-kwalitajiet ta' deċiżjoni, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkun sarulha".* (Emfażi tal-Qorti). Di fatti dan l-argument huwa ukoll sottomess mill-Attriċi fin-nota ta' osservazzjonijiet u din il-Qorti taqbel miegħu (Ara para 22 tan-nota a' fol 177). Din il-fehma hija ukoll imsaħħa minn **Sentenza oħra tat-30 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet Liquigas Malta Limited -vs- Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma et**. L-istess prinċipju ġie ribadit fis-**Sentenza fl-ismijiet Hamid Rami -vs- Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et Tal-Prim' Awla tas-7 ta' Frar 2014**.

Il-Qorti taqbel ma' dawn is-Sentenzi, b'dana kollu dan ma jfissirx li l-għemil fiħ innifsu huwiex bil-fors soġġett għall-stħarriġ minn din il-Qorti partikularment fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha.

*L-istharrig tal-ghemil*

Jibda biex jiġi ribadit minn din il-Qorti, li bl-azzjoni kif proposta, din ma għandiex ġurisdizzjoni li tagħti rimedji f'każ li it-talbiet jiġu milqgħuwa. l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtorita` amministrattiva, iżda l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jagħti biss il-poter lill-qrati jissindikaw il-validita` tal-egħmil amministrattiv u jekk ikun il-każ jiddikjaraw tali egħmil null, invalidu u bla

effett. ( Ara **Sentenza tat-30 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet AE Francis Busuttil & Sons Limited-vs-Kontrollur tad-Dwana, Qorti tal-Appell [Superjuri].**)

Dan ifisser, li meta l-Qorti tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tidħolx fil-mertu jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, imma tindaga biss jekk dan kienx skond il-liġi, jiġifieri jekk ġiex applikat fil-qafas tas-setgħat mogħtija mill-liġi. Għalhekk l-istħarriġ ġudizzjarju huwa mezz fundamentali biex jaċċerta li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi rispettata s-saltna tad-dritt. Għalhekk, meta Qorti tiskrutinja għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorita` pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidiha.

Fi ftit kliem, l-azzjoni ta' stħarriġ hija maħsuba sabiex ma jkunx hemm fost oħrajn straripament ta' poteri. Il-Qorti isservi ta' riedni, li permezz tiegħu tpoġġi lill-Awtorita' Pubblika f'postha skond il-liġi, u b'hekk jiġi eliminat kull sfratt amministrattiv li jkun qed jikkawża preġudizzju liċ-ċittadin. Il-Qorti trid teżamina għalhekk jekk id-diskrezzjoni konferita lill-Awtorita, pubblika, f'dan il-każ il-Ministru, ġietx eżerċitata b'mod raġjonevoli. B'"diskrezzjoni" nifhmu dak li fit-tagħlim legali fuq il-materja tfisser il-poter *".....to make a choice between alternative courses of action or inaction*" (Ara **DeSmith, Woolfe & Jowell Principles of Judicial Review (5th Edit, 1995), paġ. 296**).

Di piu, din il-Qorti trid ukoll iżżomm quddiem għajnejha, il-possibilita' li bid-deċiżjoni tagħha saħansitra telimina il-potenzjal ta' skariġġ ulterjuri bit-tfaqqis ta' kawżi oħrajn fost oħrajn anke dawk Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Di fatti

inkonnesjoni ma kwistjonijiet ta' ċittadinanza kien hemm diversi Sentenzi tal-Qorti Ewropeja fost oħrajn dawk fl-ismijiet ta' ***Karassev v. Finland*** **(dec.), ECHR 1999-II,** ***Slivenko-vs- Latvia*** **(dec.) [GC], § 77, ECHR 2002-u dik ta' Genovese -vs- Malta 11/10/1.** Fl-aħħar waħda il-ECHR osservat is-segwenti: *"…the Court has previously stated that it cannot be ruled out that an arbitrary denial of citizenship might in certain circumstances raise an issue under Article 8 of the Convention because of the impact of such a denial on the private life of the individual."*

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti issa trid teżamina l-mertu fid-dawl tat-talbiet kif magħmula u tal-fatti li jimerġu mill-atti. Huwa manifestament ċar li t-talbiet rikorrenti jimmiraw għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda mill-konvenut. Għalhekk, l-ewwel u qabel kollox irid jiġi stabbilit jekk id-deċiżjoni ittieħditx mill-konvenut bħala Awtorita' Pubblika. B'din il-frażi il-liġi tifhem "…*il-Gvern ta' Malta, magħdudin <u>il-Ministeri</u> u dipartimenti tiegħu, <u>awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi</u> u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."* (Emfażi tal-Qorti).

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva, li t-talbiet rikorrenti ma humiex immirati li jattakkaw id-diskrezzjoni tal-Ministru, iżda dik tal-konvenut. Dan ifisser li jekk dan l-aħħar ma għandu ebda diskrezzjoni u mexa skont dak li tiddetta il-liġi, ma jistax iwieġeb ai fini tal-applikazzjoni tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Artikolu 21 tal-Kap 188 tal-liġijiet ta' Malta Jgħamilha ċara li kull applikazzjoni għall-otteniment ta' Cittadinanza għandha ssir lill-Ministru. Artikolu 19 tal-liġi jagħmilha ċara ukoll li *Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti.* Għalkemm għandha ir-riservi tagħha dwar l-aħħar parti ta' dan l-artikolu, jibqa' l-fatt, li d-deċiżjoni finali hija unikament u esklussivament tal-Ministru konċernat. La l-konvenut u l-anqas Identity Malta ma għandhom il-poter jieħdu deċiżjonijiet.

Ix-xhud Jessica Rita Galea, għall-Identity Malta qalitha kemm-il darba li huwa l-Ministru li ha din id-deċiżjoni, jew aħjar is-segretarju Parlamentari (Ara a' fol 48 u affidavit tagħha a; fol 122). F'dan il-każ ir-referenza hija għal-Onor Julia Farruġia Portelli. F'dan ir-rigward irid jingħad, li fl-10 ta' Ġunju 2017, il-Prim Ministru bis-saħħa tal-Kapitolu 324 ddelega t-taqsima taċ-ċittadinanza lis-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru lill-imsemmija (Ara **Gazzetta tal-Gvern ippubblikat fis-16 ta' Ġunju 2017, Avviż Nru 621**).

L-aġenzija Identity Malta, li jidher li twettaq funzjonijiet li għandu/ jew li kellu l-konvenut. Din ġiet kostitwita permezz tal-Avviż Legali tal-2013. Artikolu 3(2)(a) ta' dan l-avviż, jispeċifika li fost oħrajn waħda mill-funzjonijiet tal-Aġenzija hi li "*tassisti lill-Ministru, minn żmien għal żmien,responsabbli għal materji li jkollhom x'jaqsmu ma' ċittadinanza Maltija fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet u funzjonijiet tiegħu taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija."* (Emfażi tal-Qorti).

Għalkemm il-Ministru għandu din d-diskrezzjoni li ġejja mid-dottrina antika tal-prerogattiva Ingliża, xorta waħda qed jiġi awspikat, li sakemm ma tkunx raġuni li tista' tagħmel ħsara lill-Istat Malti jew ta' natura tant sensittiva li ma jkun jaqbel li tingħata, raġunijiet li huma limitati għal ċirkostanzi personali tal-individwu għandhom dejjem jingħataw. L-artikolu 19 tal-Kap 188 tal-liġijiet ta' Malta ma hux qiegħed hemm biex il-Ministru jġib ruħu ta' monarka iżda ta' politiku elett demokratikament mill-poplu u li għandu jwieġeb lejn il-poplu b'xod xieraq u trasparenti.

Meta ir-raġuni għar-rifjut ma tkunx waħda li ma tistax tiġi svelata minħabba l-interess pubbliku, dan għandu dejjem tingħad. l-individwu jrid jitqiegħed f'sitwazzjoni li jkun jista' jattakka l-eżitu jekk ma jaqbilx miegħu, jekk mhux quddiem dawn il-Qrati quddiem dawk supra-nazzjonali bħal dak ta' **Genovese supra**. Huwa interessanti, li f'dan l-aħħar każ quddiem il-ECHR l-Istat Malti ma qajjimx din il-kwistjoni ta' prerogattiva.

Għalhekk, huwa ċar għal din il-Qorti, li d-deċiżjoni ma hiex tal-konvenut iżda unikament tal-Ministru u dan kif del resto jemerġi ċar anke minn artikolu 19 tal-liġi fuq imsemmi. Konsegwentement il-konvenut kellu idejh marbutin, għaliex kull ma jista' jagħmel hu li jsegwi l-liġi. Hu ma jiċċentra xejn fid-deċiżjoni. L-aktar li seta' jagħmel hu, li jikkomunika d-deċiżjoni tal-Ministru lill-applikant, kif fil-fatt għamlet Identity Malta, li bħal donna ġiet kostitwita fost oħrajn bħala *transmitting Agency*.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tasal għall-konklużjoni, li fl-ewwel lok, il-Ministru kellu jkun parti għal dawn il-proċeduri. Għalhekk Il-konvenut għandu raġun meta jgħid, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, li hu ma jistax jiġi mgħobbi b'deċiżjoni tal-Ministru. Minn naħa l-oħra, lanqas ma jista jkun deċiż il-mertu peress li l-Ministru ma hux fil-ġudizzju biex ikun jista' jgħid tiegħu.

Fl-aħħar nett kif diġa' rilevat, it-talbiet huma indirizzati abbażi tal-artikolu 469A(1)(b)(ii),(iii) u (iv) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Kif rajna, ma kienx il-konvenut li ha deċiżjoni, iżda kien il-Ministru. Għalhekk ma jista' qatt jingħad li il-konvenut huwa l-persuna legalment idoneja biex iwieġeb għal dawn it-talbiet. L-anqas ma r-rikorrent qed jattakka Il-kostituzzjonalita' o meno ta' artikolu 19 tal-liġi. Għalhekk it-talbiet rikorrenti ma jistgħu ikunu qatt akkolti fid-dawl ta' dawn l-ostakoli legali kollha.

Dan kollu qiegħed jingħad mingħajr ebda preġudizzju għal kull rimedju ieħor li l-Attriċi jista' jkollha skont il-liġi.

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti.

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenut.

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni nkwantu biss** li ma sar xejn mill-eċċipjent li jista' legalment jattira il-ħtieġa ta' reviżjoni da parti ta' din il-Qorti.

**Tiċħad it-talbiet** Attiċi kollha.

Spejjeż għall-Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**